Ghaqda Muzikali
RE GEORGE V
Est. 1910

NON NISI PER ARDUA



Programm tal-Festi Solenni li jsiru
fil-Parrocca tal-Imqabba f'gieh
SANTA MARIJA
Patruna tar-Rahal
mit-30 ta' Lulju sat-22 ta' Awissu, 1984




Trade Enquiries: 624109



# KING GEORGE V BAND CLUB
# MQABBA

KUMITAT 1984

PRESIDENT

Joe Sciberras

VIĊI PRESIDENT

Felix Camilleri

SEGRETARJU
Reno Sciberras

ASS. SEGRETARJU
Joseph Sciberras

KAXXIER
Carmel Briffa

ASS. KAXXIER
Innocent Farrugia

MEMBRI

Joseph Camilleri
Peter Psaila
Paul Gauci
Joseph Sammut
Joseph Galea
Carmel Ellul

DIRETTUR SPIRITWALI
Patri Joseph Ghigo S.J.

DIRETTUR TAL-BANDA
Mro. George Martin A. Mus. L.C.M. O.S.T.J.

ASS. DIRETTURI TAL-BANDA
Leonard Farrugia
Twanny Camilleri

DELEGATI TAL-BANDA
Paul Mifsud
John Galea

DELEGATI TAN-NAR
Reno Sciberras
Joseph Camilleri

# KRISTIANNE

**Mattia Preti Sqr.,**
**Zurrieq.**

**Stockists:**

- **Household Goods**
- **Perfumes**
- **Cosmetics**
- **Baby Foods etc.**

**TEL: 827391**



# JULIUS FURNITURE

NAHDMU:

- MAIN/SPAIR BEDROOMS TA' KWALITA' GHOLJA
- KITCHEN UNIT TAL-FORMICA JEW PITCH-PINE
- POĠĠAMANI BIL-BALAVOSTRI TAL-KEWBA
- BIBIEN TAL-IROKO JEW KEWBA, etc.

Irrikorru:

30 LUQA IND. ESTATE — LUQA

TEL: 784243

(Faċċata tal-Country Hotel)

jew:

"Wenty House',

MISRAH FIDWA — MQABBA

# IL-KELMA TAL-KAPPILLAN



Nixtieq ninqeda b'dan il-fuljett tal-Festa biex inwassal lill-Imqabbin kollha dik il-parti meħuda mill-Abbozz Pjan Pastorali li tittratta dwar il-festi.

L-Abbozz jgħidilna li l-festi huma aspett importanti tar-reliġjożita' popolari u huma dmir tagħna lkoll — u mhux tal-Kappillan biss — li nħarsu u nіżviluppaw il-karattru reliġjuż tagħhom.

Ikun żball kbir li jġorr piż terribbli, għalhekk, jekk dawk responsabbli, lajċi u kleru, inkluż jien, inħallu jew ngħinu b'xi mod li l-festi jsiru ċelebrazzjonijiet folkloristiċi biss, jew agħar u agħar, jispiċċaw f'manifestazzjonijiet ta' pika u ta' firda fostna.

Il-festi għandhom ikunu okkażjoni mill-isbaħ ta' konverżjoni (bidla) minn ġewwa u ta' rikonċiljazzioni (għaqda mill-ġdid) spiritwali u soċjali.

Dan ifisser li l-festi jkunu tilfu kull sens diniitus jekk l-għaqda ta' beinietna li ngawdu matul is-sena, u iżjed w iżied dik m'Alla, qegħdin b'xi mod jixxellfu, meta ma' jiġux fix-xejn ukoll.

Wara kollox, xi skop għandhom il-ġranet tat-tħejjija qabel il-festa, jekk mhux tiġdid spiritwali għall-parroċċa kollha? U xi skop għandha l-Quddiesa Solenni bil-Paneġierku jekk mhux li nidħlu f'dan l-ispirtu?... u mhux li ninqdew bihom biex inżidu iżied il-firda?

Kollox ma kollox, dan hu l-messaġġ li jien dejjem sħaqt fuqu tul dawn l-erba' snin li ili fostkom; mhux biss bil-kitba, imma wkoll bil-kelma.

J'Alla l-irġulija tirbaħ fuq il-passjoni għamja. J'Alla d-dehen u s-sens reliġjuż li suppost igawdu l-festi tagħna jgħelbu d-djufija umana.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.

Fr. Willie


**LINDA STORE**

MONS. P.P. SAYDON STREET — ZURRIEQ.

Prop: Mario Galea Tel: 827215

Issibu dak kollu li tiġu bżonn fid-dar. Kollox bi prezz moderat u servizz mill-aħjar.

- Tnaqqis Speċjali għal'-Ħlas fil-Pront
- Ħlas bin-Nifs Aċċettat Ukol.

# The Edible Oil Refining Company Limited

AND ITS SUBSIDIARIES

## SUN CHEMICALS LTD.

Household and Industrial Detergents, Liquid Soaps, Toilet Soaps, Laundry Soaps, Deodorants, Anti-persperants, Shampoo, Disinfectants and Sodium Silicate Solutions.

## MARGARINE MANUFACTURING CO. LTD

Butter, Margarines, Cooking Fats, Cheese and Edible Fats.

## POULTRY PRODUCTS LTD.

Day-old Broiler and Frozen Poultry, Frozen Fish and Frozen vegetables.

## FOOD INDUSTRIES LTD.

Manufacturers of Ice-Creams for Catering and Retail Outlets.

THE REFINERY, MGIERET ROAD, MARSA.

Cables: Oilrefine. Tel.: 621451/2/3 – 623613. Postal Address: P.O. Box 539 Valletta – Malta.

# IL-KELMA TAL-PRESIDENT



Għaddiet sena oħra u l-festa reġgħet waslet. Tiskanta pero' matul dik is-sena kemm ikun sar xogħol biex il-festa tikseb suċċess dejjem akbar.

Kif kulħadd jaf il-festa tagħna dejjem kellha suċċess sena akbar minn oħra, u n'stennew li din is-sena wkoll ikollna l-istess suċċess. Dan hu dovut għall-istinkar u tħabrik kontinwu tal-membri tal-Kumitat tagħna, u ta' dawk kollha li b'xi mod jew ieħor tawna mhux biss il-kelma ta' l-inkorraġiment imma wkoll tawna l-għajnuna kemm finanzjarjament kif ukoll bix-xogħol feijiedi tagħhom.

Hawn nixtieq minn qalbi nrodd ħajr lill-kumitat tan-nisa, li b'tant sagrifiċċju ħadu ħsieb il-ġbir matul is-sena u fl-ist ess ħin organizzaw attivitajiet soċjali biex aktar ikunu jistgħu jiġbru fondi meħtieġa.

L-istess ħajr imur għad-delettanti tan-nar li jgħamlu sagrifiċċji kbar u anki jipperikulaw ħajjithom stess, biex jagħmlu dak ix-xogħol spettakulari li iġib bosta nies biex jiddevertu b'dak ix-xogħol sabieħ. Ma nistax ninsa lil dawk li jieħdu ħsieb l-armar, u l-banda, xogħol li wkoll jitlob sagrifiċċju kbir.

Nixtieq ukoll f'din l-okkażjoni niftakru f'ħutna li tant ħadmu u stinkaw minn b'mod u min b'ieħor biex dejjem ikabbru l-festa ta' Santa Marija u l-lum qegħdin igawduha fis-sema.

Fl-aħħar nappella lil kulħadd sabiex matul il-ġranet tal-festa nieħdu pjaċir u nifirħu, iżda ma nħallux l-entużjażmu jiġri bina u nġibu ruħna sewwa ta' nies tassew maturi, sabiex bil-għajnuna ta' Ommna Marija mtellgħa s-sema, jkollna festa sabieħa u nadifa u jgħaddi kollox b'wiċċ il-ġid.

Nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nappella u nħeġġeġ lill-partitarji kollha biex ikomplu jgħinuna mill-aħjar li jistgħu ujkunu ġenerużi kif dejjem kienu fl-imgħoddi. Grazzi.

Joe Sciberras

President


**ELLUL WOODWORK – MQABBA**

GHALL KULL XORTA TA' XOGHOL TA'
APERTURI, AMARA U KOLONNI TAT-
TARAĠ BI PREZZIJIET MODERATI.
ELLUL WOODWORK
Valletta Road, Mqabba.

## HALMANN (VELLA) TILES LTD.

MOSTA, ROAD — LIJA

TEL: 45678 — 42933

GHAL KULL XOGHOL TA':

MUŻAJK — MARMETTONE — IRHAM TAL-MARMO — RESINA

MADUM TAL-BJUT — IRHAM SINTETIKU — SKIRTING

STAQSU DEJJEM GHAL:

## HALMANN (VELLA) TILES LTD.

MOSTA ROAD — LIJA.

## FRIZOLL

MANUFACTURERS OF COMMERCIAL REFRIGERATION
BAR COUNTERS & COLD ROOMS
REFRIGERATION EQUIPMENT
PAOLA HILL
PAOLA
TEL: 806866/824388

Book early for your Weddings, Baptisms, Parties etc.
BARON CONFECTIONERY & GROCERY
MQABBA BRANCH
Call At:

## TARGET SHOP

MQABBA BY-PASS
MQABBA

# JIKTBILNA S-SEGRETARJU



Reġa' wasal ix-xahar ta' Awissu li fih niffestegġaw il-festa ta' Santa Marija, li hija meqjuma mhux biss mill-Imqabbin, imma ma bosta bliet u rħula ta' Malta u Għawdex.

Għalkemm l-ispejjeż dejjem jikbru minn sena għall-oħra, il-Kumitat ma jaqtax qalbu w aħna kburin li l-Każin tagħna jinsab ippreparat li bis-sehem tiegħu jgħin biex dejjem ikabbar il-festa u ċ-ċelebrazzjonijiet kemm esterni kif ukoll dawk interni ta' Santa Marija.

Bosta huma dawk li jaħdmu matul is-sena kollha biex ikabbru dejjem iżjed l-atmosfera tal-festa bil-briju li huma jgħamlu, irrid nieħu l-okkażjoni biex f'isem is-soċjeta' nirringrazzja lil dawk il-persuni speċjalment lil dawk l-individwi li joattgħu il-ħin liberu ta' matul is-sena biex b'sogru ta' ħajjithom, jaħdmu dak il-kwalita' ta' nar sabieħ li jkompli jkabbar u jsebbaħ il-festa tagħna. Għalhekkk nagħmel appell lil-sħabi kollha u lill-partitarii sabiex jibqgħu jikkontribwixxu mill-aħjar li jistgħu ħalli nkomplu nimxu 'l quddiem u biex l-isem sabieħ tas-soċjeta' tagħna "Re George V", jibqa' dejjem imfaħħar mhux biss mill-Imqabbin imma wkoll mill-barranin.

Il-festa tiġi biex fuq kollox ngħatu ġieħ kif jixraq tassew lill-Omna Marija Santissma Mtella' s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem, fejn kulħadd ikun jistenna dak il-mument sollenni meta l-istatwa sabieħa u artistika ddur mat-toroq tar-raħal tagħna u tbierek il-familji tagħna.

Jiena ċert li l-festa kulħadd jintela' bil-ferħ u l-briju u għalhekk nirrakomanda lil kulħadd li jieħu piaċir mingħajr ma nweġġgħu lil ħadd. Il-festa tirnexxi mhux biss bit-tiżjin sabieħ, bil-baned u l-logħob tan-nar iżda meta l-festa tispiċċa bil-kwiet u bis-sliem.

Mela ejjew ilkoll flimkien ngħatu ġieh u glorja lill-Patrun tagħna Santa Marija.

VIVA SANTA MARIJA.

Reno Sciberras
Segretarju


TRUST YOUR HAIRDESSER......
HER SPECIAL SECRET......
NATURAL STYLING METHOD......
Only your Hairdresser can give you that Special Hair Style
FOR LONG LASTING STYLE CONTACT:

**STYLES SALON**

13, ST. CATHERINE STR. — MQABBA


Why do so many people insist on Cisk Lager?
CISK
Because they know
that Farsons puts fifty years of brewing experience
and the very best ingredients into every bottle.
When you want real taste,
demand one of the world's finest Lagers.
Choose a Cisk Lager.
FARSONS - Brewers with a world of experience.

# APPELL MILL-KAXXIER



Huwa ta' pjaċir kbir għalija li nwasslilkom dan l-appell fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Marija, il-Festa Titulari tagħna l-Imqabbin.

Is-Soċjeta' tagħna hija bħal familja kbira u l-Kumitat minn sena għal sena jippjana sabiex kompli jattrezza l-Każin u jagħmel festa li tixraq lil Santa Marija.

Din is-sena sar ħafna xogħol fil-każin fejn ġie mkabbar il-Bar u ngħata dehra isbaħ bi ħnejja moderna. Ġiet irranġata s-sala tal-Billiard, sar madum ġdid, skirting ta' l-irħam u bieb modern ta' l-aluminium. Għall-festa komplejna fejn ħallejna s-sena l-oħra u fost l-opri li ser inżanżnu hemm erba' pilandri tad-dawl tal-ferro battuto, standard sekond tal-Banda kif ukoll xi pavaljuni.

Naturalment dan ix-xogħol kollu ma kienx ikun possibli li kieku ma kinitx teżisti l-ġenerosita' kbira min-naħa tal-partitarji kemm irġiel kif ukoll nisa li dejjem wieġbu għas-sejħa li jagħmel il-Kumitat. Hawn ta' min isemmi l-grupp ta' partitarji nisa li barra li jagħmlu ġbir bieb, bieb, matul is-sena ħadu ħsieb ukoll billi organizzaw diversi attivitajiet bħal Coffee Mornings u High Teas, li l-qliegħ minnhom mar għall-fondi tal-festa. Ta' dan nixtieq nirringrazzjahom.

Qabel nagħlaq nixtieq nagħmel appell lil kulħadd speċjalment lil partitarji sabiex fl-arbular tal-festa jkunu ġenerużi ħalli bħas-snin ta' qabel, ikollna festa sabiħa li togħġob lil kulħadd speċjalment lil min tixraq lil Marija Mtella' s-Sema.

Carmel Briffa Kaxxier

M&F ALUMINIUM
Manufacturers Of:
ALUMINIUM DOORS
WINDOWS
GATES
STAIRS
AND OTHER
DESIGNED WORK
St. Marija Garages
(A&B) Zurrieq Rd, Imqabba

REPAIR/INSTALLATIONS

T.V. AERIALS BOOSTERS

ROTARY ANTENNA SYSTEMS

For all your requirements

Contact:

**VICTOR AQUILINA**

"Casa Aquilina",

Hal Niklusi Street — Siġġiewi

Tel: 607607

**MILADY CONFECTIONERY**

27 Church Sqr., Mqabba

SWEETS — CHOCOLATES — BISCUITS — ICE CREAM

FANCY BOXES — CAKES & FANCY CAKES

SWEETS & CIGARETTES BY WHOLESALE

Caterers for:—

WEDDINGS — BAPTISMS — PARTIES etc.

# IL-FESTA REGGHET MAGHNA!



Fil-15 ta' Awissu niċċelebraw il-Festa tal-Verġni Mqaddsa Marija Mtellgħa fis-Sema. Din hi l-festa l-aktar antika tal-Madonna u bdiet f'Ġerusalem fis-seklu VI. F'din il-belt qaddisa fejn twieldet il-Knisja, hemm il-post fejn "raqdet" il-Madonna u l-ieħor fejn difnuha. Imma Sidna Ġesu' Kristu, l-Iben ta' Alla u l-Iben ta' Marija, ma riedx iħalli l-ġisem ta' Ommu l-għażiża jara t-taħsir — ried li Ommu mnissla mingħajr ħtija tkun ukoll imtellgħa fis-sema! Din il-ġrajja tant daħlet fil-fidi ta' l-insara li l-Papa Pju XII fl-1951 iddikjara solennement it-tlugħ ta' Marija fis-sema bħala Domma tal-Fidi. Għalhekk illum kull Nisrani jifraħ b'Marija għax is-Setgħani għamel magħha "ħwejjeġ kbar", kif qalet hi stess fil-"Magnificat". (Lq. 1: 49).

Fir-raħal tagħna l-Imqabba, il-qima lejn Santa Marija ilha ġejja sekli sħaħ, minn wisq qabel ma twaqqfet il-Parroċċa, kważi 400 sena ilu fl-1598, bit-titlu ta' Marija Mtellgħa fis-Sema. Għalhekk din il-Festa għandha tifsira kbira għall-Imqabbin kollha, anke meta ħafna minnhom ma għadhomx joqogħdu r-raħal jew jinsabu msefrin eluf ta' mili 'l bogħod minn Malta......

Il-Festa ta' Santa Marija kif nafuha llum fl-Imqabba kibret bil-mod. Għalhekk illum jixraq li niftakru fit-taħbit ta' dawk kollha li ġew qabilna u li l-opri tagħhom — il-knisja bit-tiżjin kollu tagħha u bl-armar ta' barra — għadna ngawduhom illum. Nitolbu għalihom.

B'ex tirnexxi l-Festa tas-sena hemm min ilu jaħseb għaliha mis-sena l-oħra: hawn ma tistax issemmi kollox! Il-Festa titlob ħafna tħejjijiet: tiżjin tal-knisja u tat-toroq, ġbir ta' flus, mixegħla, logħob tan-nar, baned, xiri ta' lbiesi, eċċ. Dan kollu sewwa għax kull wieħed u waħda minna għandna nifirħu bil-Festa ta' Ommna Marija! Meta l-bniedem jifraħ, iħoss li għandu jfisser il-ferħ tiegħu minn ġewwa u minn barra, bla ma joffendi 'l ħadd, la fis-sema u lanqas madwarna... Biss, fuq kollox, għandna noqogħdu attenti li l-ferħ tagħna nuruh kif tridna Marija stess billi ngħixu qrib tagħha u ta' Binha Ġesu' bis-Sagrament tal-Maħfra u tat-Tqarbin. Hekk biss ma jiġrilniex bħal Marta tal-Vanġelu li Ġesu' ċanfarha għax kienet taħseb wisq u tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ, imma waħda biss hi meħtieġa u li għażlitha oħtha Marija! (Lq 10: 41).

J.M. Ghigo S.J.

Direttur Spiritwali

# SAFARI

# PURE FRUIT

# JUICES

# IL-KWADRU TITULARI TA' L-ASSUNZJONI TA' GEWWA L-KOR



Fost il-kwadri sbieħ li jżejnu lil Knisja tagħna, insibu l-kwadru titulari li jinsab fuq l-artal tal-Kor. Dan il-kwadru jirrappreżenta lil Marija Ss.ma qegħda tiġi mtella' s-sema, imdawra mill-Anġli.

In-naħa tal-lemin tal-Madonna hemm anġlu bis-sejf tan-nar f'idu, dak li Alla kien ħalla jħares lill-ġenna ta' l-art wara li Hu kien keċċa li Adam u Eva meta waqgħu fid-dnub. Fuq in-naħa taxxelug hemm anġlu ieħor daqsu li jidher qed igħin lil Marija tiġi mtella' s-sema. L-isfel mill-Madonna jidhru bosta anġli żgħar ferħaħnin bil-ward f'idejhom. Firrokna t'isfel hemm il-qabar miftuħ beraħ bl-appostli jħarsu 'l fuq lejn Marija hi u tiġi mtella' s-sema.

Dan il-kwadru huwa opra tal-pittur Taljan Filippo Venuti, li huwa pinġa fl-1896. Dan il-pittur kien għamel opri oħra fil-knisja tagħna fosthom il-pittura fil-kopla l-qadima u l-Evanġelisti fil-lunetti tagħha fl-1897. Iżda b'xorti ħażina dawn inqerdu fil-gwerra. Il-Professur Venuti żejjen dan il-kwadru bil-figuri sbieħ maqlugħin bil-kuluri taż-żebgħa li għaraf juża b'sengħa kbira speċjalment fil-persuna tal-Madonna.

Dan ix-xogħol sar bi spejjeż ta' Dun Salv Schembri, u l-kwadru jġib l-arma ta' dan il-qassis fir-rokna t'isfel. Dan il-kwadru kien ġie mbierek mill-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Kalċidon Schembri fis-17 ta' Diċembru, 1896. Dan il-kwadru maħdum bl-akbar sengħa mill-Professur Venuti huwa opra li tixraq lil knisja tagħna u li sal-lum għada tpaxxi lill kull minn jiġi jżur il-knisja tagħna.

Paul Gauci

Book early for your Weddings, Baptisms, Parties, etc.

**BARON CONFECTIONERY**

at:

ZURRIEQ BRANCH
DUN ĠUŻEPP ZAMMIT STREET,
ZURRIEQ.
TEL. 826819

**JOSEPH GRECH & SONS**

TEL: 827860
(Frida Transport Service)
u għal xogħol ta' għorik ta' madum
irrikorru:
"FRIDA HOUSE"
42, St. Basil Street — Mqabba

**MQABBA MARBLES**

VALLETTA ROAD — MQABBA
XOGHOL TA' L-IRHAM
KEMM TA' BARRA U TA' MALTA
TURĠIEN — PAVIMENTI — FAĊĊATI —
FIREPLACES U SKIRTING
TEL: 826188/820202

**FARELL**

BATHROOM CENTRE
Electrical and Plumbing
Blue Grotto Avenue — Zurrieq
Telephone: 822396

# AKKWIST TA' BICCA ART

Avveniment ta' min jibqa' jiftakar huwa l-iffirmar ta' kuntratt li sar quddiem in-Nutar Nikola Said tas-Siġġiewi nhar it-Tnejn 25 ta' Ġuniu 1984 fis-7.00 ta' filgħaxija. Fih l-aħwa, il-wisq Revendu Dun Carm Ghigo, is-Sur Joseph Ghigo, u s-Sur Nikola Ghigo, irregalaw lis-Soċjeta' King George V, biċċa art fit-triq fejn illum jinħaraq in-nar ta' l-art ta' l-istess każin, biex fuqha ikun jista' jinbena maħżen kbir biex fih jintrefa' parti mill-armar tal-festa u għall-bżonnijiet tal-każin.

Aħna minn qalbna nixtiequ nuru r-ringrazzjament tagħna lil aħwa Ghigo u żgur inkunu qegħdin nesprimu l-opinjoni tal-partitarji kollha meta minn qalbna ngħidulhom Grazzi.

Ma nistgħux ukoll ma nirringrazzjawx lill-Kumitat ta' qabilna li ħadem kemm felaħ biex illum wasalna sa hawn. Ma rridux inħallu barra lil Dr. Louis Galea B.A. LL.D. M.P., ex-President ta' l-istess Soċjeta' li mexxiena biex wasalna għall-iffirmar ta' dan il-kuntratt.

Nixtiequ nagħmlu appell qawwi lil kulħadd biex din il-ħolma li ilna għal bosta snin naħdmu għaliha ssir realta'. Dan jitlob xogħol kbir, li aħna żguri li nsibu kemm benefatturi ġenerużi kif ukoll membri ħabrieka biex igħinu f'dak kollu li jkun hemm bżonn. Kull minn jixtieq igħin b'xi mod ifittex lill-membri tal-Kumitat biex wara l-festa dan ix-xogħol ikun jista' jinbeda. Qegħdin nużaw dan il-fuljett biex nieħdu l-okkażjoni u nitolbu lil dawk li jixtiequ joffru xi ġebel jew materjal ieħor meħtieġ għall-bini aħna nirringrazjawh bil-quddiem. Aħna ngħatu rċevuta ta' dak kollu li jiġi mogħti lilna.

## PROFIL MONS. EMERITUS MIKIEL GONZI

**Fit-22 ta' Jannar ta' din is-sena miet Mons. Emeritus Mikiel Gonzi.**

**Ta' min ifakkar li Mons. Gonzi kien ħa sehem ma mijiet ta' isqfijiet u Kardinali min madwar id-dinja kollha, flimkien mal-Papa Piju XXII magħruf bħala l-Papa ta' l-Assunta meta pproklama sollenniment fl-1 ta' Novembru 1950 it-tlugħ fis-sema ta' Marija bir-ruħ u l-ġisem.**

**Xhieda ta' dan hija l-plakka kbira u Kommemorattiva bl-ismijiet tal-isqfijiet li ħadu sehem fil-proklamazzjoni fosthom dak ta' Mons. Mikiel Gonzi li ismu qiegħed imnizżel fl-ewwel ismijiet ta' dawk li ħadu sehem. Din il-plakka tinsab imwaħħla ħdejn il-bieb fuq il-lemin tal-Knisja Monumentali ta' San Pietru ġewwa Ruma mgħarufa bħala l-Vatikan.**

**Ta' min isemmi wkoll li dan l-istess Mons. Mikiel Gonzi kien għamel żjara fil-Każin tagħna Re George V f'Ġunju tal-1952, u kien ta' 200 jum indulġenza lil kull min igħid Salve Reġina quddiem ix-xbieha ta' Marija Mtellgħa s-Sema li tinsab fuq il-Każin kif tixhed l-irħama ta' fuq il-bieb tal-Każin tagħna.**

**J. Sciberras**

# 1984 Festa ta' Santa

# PROG

## FESTI TA' GOL-KNISJA

**IT-TNEJN, 30 TA' LULJU — FTUH TAL-KWINDIĊINA**

6.30 p.m. Quddiesa Kantata solenni, Ċelebrazzjoni Biblika, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**IL-HAMIS, 9 TA' AWISSU — HRUĠ TAL-ISTATWA**

7.30 p.m. Isir il-ħruġ tal-Istatwa ta'Santa Marija, Kant ta' l-Innu Ave Maris Stella u Antifona.

**IS-SIBT, 11 TA' AWISSU — L-EWWEL JUM TAT-TRIDU**

6.30 p.m. Quddiesa Kantata mill-W.R. Mons. Aloysius Deguara bl-omelija 'Marija Mtellgħa s-Sema bir-ruħ u bil-Ġisem'.

7.15 p.m. Ċelebrazzjoni Biblika, Innu, Salve, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**IL-HADD, 12 TA' AWISSU — IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**

7.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni.

6.30 p.m. Quddiesa Kantata mill-W.R. Kapp. Dun Kalċidon Vassallo bl-omelija 'Marija, Sultana tas-Sema u l-Art'.

7.15 p.m. Bħal-jum ta' qabel.

**IT-TNEJN, 13 TA' AWISSU — IT-TIELET JUM TAT-TRIDU**

7.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni.

6.30 p.m. Quddiesa Kantata Speċjali għal-Morda u l-Anzjani mill-W.R. Arċipriet Dun Lawrence Mifsud bl-Omelija 'Marija Saħħa tal-Morda'. Fl-istess Quddiesa jiġi amministrat is-Sagrament tad-Dlik tal-Morda.

7.45 p.m. Bħal-jum ta' qabel.

**IT-TLIETA, 14 TA' AWISSU — LEJLIET IL-FESTA**

8.30 a.m. Quddiesa Kantata Solenni mill-Kappillan tal-Parroċċa, il-W.R. Dun Willie Vella. Kant tat-Te Deum, Innu u Antifona.

6.30 p.m. Tranżulazzjoni Solenni tar-Relikwija mmexxija mill-Vigarju Ġenerali, Mons. Arċid. Carmelo Xuereb.

Quddiesa Solenni minn P. Joseph Ghigo, Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**L-ERBGHA, 15 TA' AWISSU — JUM IL-FESTA**

5.30 a.m. u 7.00 a.m. Quddies.

8.00 a.m. Kant solenni tal-Lawdi.

9.00 a.m. Konċelebrazzjoni solenni u Pontifikal immexxija mill-W.R. Mons. Kan. Kant. Lawrence Spiteri li jinseġ ukoll il-Paniġirku.

10.30 a.m., 11.30 a.m., u 12.30 p.m. Quddies.

6.00 p.m. Sekondi Vespri solenni mill-istess Monsinjur, Salve u Litanija.

7.30 p.m. Proċessjoni bl-Istatwa artistika tal-Patruna tal-Parroċċa mmexxija mill-istess Monsinjur.

10.15 p.m. Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Maria - Mqabba 1984**

**RAMM**

# FESTI ESTERNI

**IT-TNEJN, 30 TA' LULJU — FTUH TA'L-KWINDIĊINA**

Fit-8.00 p.m. Mixgħela tal-Faċċata tal-Knisja u tal-Każin King George V.

**IL-HAMIS, 9 TA' AWISSU — HRUĠ TAL-ISTATWA**

Fis-7.30 p.m. Toħroġ l-istatwa artistika ta' Santa Marija fuq iz-zuntier. Wara li l-Banda King George V tilqa' l-istatwa bl-'Ave Maria' u Marċi brijużi, tiftaħ il-festa billi tferraħ it-toroq prinċipali tar-raħal bil-marċi. Isir it-tberik ta' Standard sekond tal-Banda .

**IS-SIBT, 11 TA' AWISSU — L-EWWEL TRIDU**

Fit-8.15 p.m. Il-Banda tas-Soċjeta' Santa Marija, King George V tagħmel marċi mat-toroq tar-raħal. Il-marċ jibda minn Misraħ il-Fidwa. Wara l-Banda tesegwixxi programm quddiem il-Knisja.

**IL-HADD, 12 TA' AWISSU — IT-TIENI TRIDU**

Fit-8.15 p.m. Il-Banda San Ġużepp ta' Hal-Kirkop tferraħ it-toroq tar-raħal b'marċi brijużi. Il-marċ jibda minn Mill Alley.

**IT-TNEJN, 13 TA' AWISSU — L-AHHAR TRIDU**

Fit-8.15 p.m. Il-Banda King George V tagħmel il-marċ tradizzjonali fost briju kbir tal-partitarji. Il-marċ jibda minn Parish Street.

**IT-TLIETA, 14 TA' AWISSU — LEJLIET IL-FESTA**

Fis-7.30 p.m. Marċi mar-raħal mill-Banda Unjoni ta' Hal-Luqa.

Fid-9.00 p.m. Marċi brijużi mill-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq.

**LERBGHA, 15 TA' AWISSU — IL-GHID TA' L-ASSUNTA**

Fis-6.00 p.m. Il-Banda Queen Victoria u Unjoni jagħmlu marċi mar-Raħal u wara jesegwixxu programm fil-Piazza tal-Knisja.

Fis-7.30 p.m. Toħroġ il-purċissjoni bl-Istatwa artistika ta' Santa Marija. Meta l-Istatwa tasal ħdejn il-Każin, il-Banda Queen Victoria ddoqq 'Innu lil Marija Assunta', kitba ta' Patri J.M. Ghigo S.J. u mużika tas-Surmast Kav. George Martin A.Mus., LCM., SMOSJ. Ikantaw it-Tenur Joe Huber LRSM., u l-Baritonu Joe Fenech mal-kor tax-xebbiet ta' l-istess Soċjeta'.

---

N.B. (1) It-Tlieta, lejliet il-Festa, filgħodu u filgħaxija, jkun hawn konfessuri barranin għall-Qrar.

(2) Il-Mużika tat-Tridu, lejliet u nhar il-Festa, tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast il-W.R. Patri Salv Galea, O.P., L.R.S.M.

**L-ERBGHA, 22 TA' AWISSU —L-OTTAVA TAL-FESTA**

6.30 p.m. Quddiesa Kantata Solenni, Reposizzjoni tar-Relikwija, Te Deum u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

## JOSEPH FERRIGI

Supplier of:

- SISAL ROPES (Tal-Pont)
- NYLON ROPES
- MARINE TERELYNE ROPES
- HEMP ROPES
- HEMP TWINES (Spak tan-nar)
- BROWN BRAIDED TWINES) (Konzijiet)
- MACRAME TWINES
- CORD BRAIDED (Blinds)
- PACKING TWINES
- JJTE TWINES ETS.



**68B, ST. CATHERINE STREET — ZEJTUN**
**"ST' CATHERINE", JOHN BORG STREET, — ZEJTUN**
**TEL: 878439**

## WHITE CROSS DISPENSARY

**ST. BASIL STR. — MQABBA.**

STOCKISTS OF:
**PATENTS — COSMETICS — BABY-FOODS — BABY-REQUISITIES PERFUMES — etc.**

## GULIA'S BAZAAR

(Ġulja Falzon)
**MISRAH FIDWA MQABBA.**
**Tel:828512**

Issibu:

HWEJJEĠ TAT-TFAL, TOYS,
AFFARIJIET UTLI GHAD-DAR,
FAJJENZA, etc.

# Il-Convoy

N.B. B'dawn il-versi rrid infakkar il-miġja tal-convoy hekk imsejjaħ ta' Santa Marija tal-għaxra ta' Awissu, 1942. Dan kien veru rigal tal-Madonna lill-poplu Malti u Għawdxi u turija ta' mħabba lejna mis-sema f'dawk il-ġranet diffiċli u qtigħ il-qalb.

Kemm setgħana għamlek Alla.
Donnu akbar ma setax.
Lilek għamlek ir-Reġina,
Kemm tas-sema u ta' l-art.

Minn qatt resaq u lilek talab?
U minn għandek ma qalax?
Kemm għar-ruħ u wkoll għall-ġisem,
Għal kull ġid ta' dina l-art.

Aħna lejk aħna wisq grati,
Waqaft magħna ma kull żmien.
Mit-tbatija inti ħriġtna,
Qawwijin u rebbieħin.

Bil-ġuħ konna qed immutu.
Fl-aħħar gwerra li għaddiet.
Imma inti ftakart finha.
Minn ġo l-għola tas-smewwiet.

Inti battilna l-vapuri.
Mobbijin b'dak li jinħtieġ.
Dawna daħlu fil-port tagħna,
Imeddin minn kull tiġrib.

X'ferħ u tama tnisslet f'qalbu
Il-ġens kollu tal-Maltin.
X'ħin il-convoy ta' Awissu
Il-vapuri raw deħlin.

Din il-ġrajja għada mniżżla,
Fil-qlub kollha tal-Maltin.
Bosta għadhom jiftakruha,
Allavolja dgerrbu snin.

Ejjew nuru gratitudni,
U imħabba lejn din l-Omm.
Inwegħduha b'qalbna kollha,
Li ġo qalbna jkollha t-Tron.

Emanuel Buttigieg




**Works hard, rides soft – Hi-Lux is what you need in a truck, what you like in a car.**

The world's No. 1 1-ton pickup is meeting high performance demands for over 1,500,000 owners around the world. Rugged and dependable, Hi-Lux has a proven 2-liter engine with tremendous power and desirable economy. But there's more.

Just look at the photo and you'll see how handsome the newly styled Hi-Lux has become. Inside, too, the colors are new. The instrumentation is new and better looking. Opt for an enlarged cab model and you and passengers have more space than ever for smoother, fatigue-free riding over long distances.

For work and for getting to work or to town, Hi-Lux delivers. Up steep slopes or down narrow streets or roaring to the next city along rough roads, everything is safe and secure.

Top performance. Proven economy. Handsome styling. And famous Toyota quality in a hard working pickup that gives you the feel of the better life.

TOYOTA

**debono** Rohan Arch – Zebbug – Tel: 647423

# OPRI GODDA

## Żewġ Standardi Ġodda

Għall-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Marija ta' din is-sena ser jiżżanżnu żewġ standardi ġodda. Wieħed mill-istandardi, Standard Second tal-Banda ġie rregalat lis-Soċjeta' mill-partitarji nisa u miġbur mill-istess attivitajiet li huma rnexxielhom jagħmlu matul is-sena. It-tifsil u l-ħiata sar mill-istess partitarji nisa filwaqt li d-disinn u x-xogħol tal-pittura sar mis-Sur Rosario Zammit.

L-istandard l-ieħoħr, Standard Awstraljan ser jiġi rregalat mis-Sur Joseph Zammit, emigrant Malti Awstraljan, li għalkemm 'il bogħod minn art twelidu xorta baqa' jħobb il-Każin tagħna u kull meta jżur lil art twelidu dejjem jgħażel iż-żmien tal-Festa ta' Santa Marija.

Dawn iż-żewġ standardi ser jitbierku wieħed mill-kappillan tal-Parroċċa, il-W.R. Dun Willie Vella u l-ieħor mid-direttur spiritwali tal-Każin Patri Joseph Ghigo S.J.

Il-Kumitat jixtieq jirringrazzja lil dawn il-Benefatturi ta' dawn iż-żewġ Standardi li ser jibqgħu jitgawdew u mogħżża fil-Każin.

### L-ARMAR

Kull min ġie fil-festa s-sena l-oħra seta' japprezza x-xogħol li sar fuq il-pedestalli u l-Appostli, u din is-sena ma nixtiequx li noqgħodu lura milli nagħmlu xi ħaġa oħra.

Fuq l-inizjattiva ta' wieħed mill-ħabrieka ta' l-armar, is-Sur Innocent Farrugia, il-każin se jżanżan erba' pilandri ġodda għall-pjazza. Id-disinn tagħhom sar mis-Sur John Pace miż-Żejtun u ġew maħduma mis-Sur Peter Psaila mgħejun minn żgħażagħ oħra u x-xogħol dekorattiv sar mid-ditta Dragon Force ta' Ta' Qali.

Aħna fiduċjużi li din l-opra se tingħoġob u timlina bil-kuraġġ biex għas-sena d-dieħla nkomplu fejn ħallejna.

# KRISTI

**Ironmongery & Household Goods**
**90, St. Basil Str., Mqabba..**
**(Behind Church)**

## SCICLUNA FLORIST

For:

- WEDDINGS
- ENGAGEMENTS;
- PARTIES, Etc.

"Loukay", St. Paul Street,
ZURRIEQ.
Tel. 829621

## ALFRED BALDACCHINO

METAL WORKS, GARAGE DOORS
& DUCTING
"Adel-Fred",
New Street — Luqa
Tel: 820417

## JAMES GREEN

**Funeral Service & Undertaker**

IRRIKORRU:

'Green House',
ST. CATHERINE STR. — QRENDI
TEL: 827791

# IL-KAZIN TAGHNA



Kull minn se jidħol fil-każin, se jara kemm progress sar f'dawn l-aħħar xhur. Dan ix-xogħol li sar u li qiegħed isir, huwa kollu dovut lill-attivita' sħiħa ta' xi wħud mill-membri tagħna, li dejjem moħħhom biex isebbħu u jkabbru l-każin.

Fost ix-xogħol li wieħed jista' japprezza, speċjalment huwa u nieżel it-taraġ mis-sala ta' fuq, bla dubju jara arkata tassew ħelwa u sabieħa. Din barra li tagħti dehra oħra, kabbret il-Bar u tagħtu aktar spazju w aktar faċilita' biex dak li jkun aktar jista' jinqeda. Din l-arkata li żammet l-istess simetrija ta' l-intrata, ġiet irregalata u maħduma mis-Sur Paul Mifsud li ħadem wara l-ħin taxxogħol u fil-ħin liberu tiegħu. Huwa sab għajnuna ta' xi membri oħra biex jgħinuh f'dak kollu li kellu bżonn, biex din setgħet titlesta għall-żmien il-festa. Ta' dan aħna minn qalbna nirringraziaw lis-Sur Paul Mifsud u lill dawk kollha li għenu jitwaqqa' dak il-ħajt oħxon u inġarr dak il-materjal.

Xogħol ieħor li żgur li ntlaqa' tajjeb u kien hemm bżonnu kien dak il-bieb majestuż u kbir ta' l-aluminium li sar. Barra li dawwal il-kamra, ta xejra oħra lil dik is-sala. Il-madum ukoll kien hemm bżonn li jsir u għalhekk il-Kumitat ħabrek biex dan seta' jinbidel mill-aktar fis. Bħal ma tistgħu taraw ħaġa bdiet titlob lil oħra. U biex inkomplu nsebbħu s-sala dawwarna 'skirting' ta' l-irħam madwar il-kamra kollha. Mill-iskirting kellna niksu l-ħitan kollha li rrikjeda ħafna xogħol. Irranġajna d-dawl u l-ilma, u bosta ħwejjeġ oħra.

Dan ix-xogħol ma kienx jista' jsir li kieku ma kienetx il-ħidma kontinwa tal-Kumitat u l-ġenerosita' tal-membri u benefatturi, Dan ix-xogħol se jibqa' mfakkar lil kulħadd bħala opra li sebħet lil każin.

Nappellaw lil kulħadd barra li nibżgħu għal dak li għamilna, inkomplu fuq l-istess linja li bdejna. Inkomplu naħdmu biex dejjem aktar insebbħu l-każin tagħna King George V.


Coca-Cola
adds... life
Coca-Cola
Coca-Cola
Enjoy
Coca-Cola

# SEHEM MILL-BANED MISTIEDNA

Il-Hadd, 12 ta' Awissu

IL-BANDA 'SAN ĠUŻEPP' — KIRKOP

SETT TA' MARĊI

| | |
|---|---|
| PADRUN UNIVERSALI | J.M. BILOCCA |
| ĠUŻEPPINI | E. BUGEJA |
| DANIELA | J.M. BILOCCA |
| MARIELLA | J.M. BILOCCA |
| SAN ELIAS | E. FARRUGIA |
| ŻACCA | J. PACE |
| ĊENTINARJU | A. COLEIRO |
| JUDAS | O. CACHIA |
| SOĊJETA' QALBIENA | A. CASSAR |
| HAHAJ | A. COLEIRO |

Mro. J.M. Bilo cca
Direttur

---

It-Tlieta u l-Erbgħa, 14 u 15 ta' Awissu

IL-BANDA UNJONI — LUQA

SETT TA' MARĊI

| | |
|---|---|
| LILL-HABIB TAGHNA ANT. THEUMA | CH. ZAMMIT |
| EAGLE ENSIGN | A. CASSAR |
| JUAREZ | V. SCHETTINO |
| BETHSAIDA | E. BUGEJA |
| SANTIAGO D CUBA | J. ABELA SCOLARO |
| PALAZZ SANT'ANDRIJA | J. ZAMMIT |
| TAL-AJKLA | A. MIZZI |
| THE EMIGRANT | CH. ZAMMIT |
| ŻEPPA | A. BORG |
| L-EWWEL TA' LULJU | V. BORG |
| COME ON BALDAS | A. AQUILINA |
| L-EWWEL BANDA | E. BUGEJA |

PROGRAMM MUŻIKALI

| | |
|---|---|
| FAUST — BALLET | CH. GOUNOD |
| MADAME BUTTERFLY — SELEC. | G. PUCCINI |
| SYMPHONIC SUITE | CH. ZAMMIT |

INNU TAL-BANDA

INNU NAZZJONALI

Ch. Zammit F.L.C.M., L.L.C.M.
Direttur.

# Install an FGP FIBREGLASS WATER TANK and it will last you a lifetime.




FGP manufacture

Fibreglass Water Tanks in a variety of dimensions and capacities from 55 gall: (250 litres) (2'4" Dia × 3' high) to 1000 gallons (4480 litres) (6' dia × 6' high). Other dimensions and capacities by quotation.

## FGP – the name for fibreglass water tanks

FGP Limited (Fibre glass & sheet metal works)
49 Valletta Road Luqa. Tel: 624181, 625527

---

## TELLY MIKE

Prop. Michael Agius

INSTALLATION OF T.V. AND F.M. AERIALS, BOOSTERS, ROTATORS, SALES OF T.V. SETS HI-FI EQUIPMENT, T.V. TABLES, HEATERS, AND CAR STEREOS, etc.

Sciortino Street,
Zebbug — Malta.
Tel. 640372

---

## JOSEPH SCIBERRAS

ST. JOSEPH STORE
BURAFATO STORE
FOR
BATHROOMS & TILES
BUILDING MATERIALS CEMENT & TOOLS
"My Nest" Wilga Street — Luqa TEL. 897912

# SEHEM MILL-BANED MISTIEDNA

It-Tlieta u l-Erbgħa, 14 u 15 ta' Awissu

IL-BANDA "QUEEN VICTORIA" — ŻURRIEQ

SETT TA' MARĊI

| | |
|---|---|
| CHAMPION BLUES | E. BUGEJA |
| FIRE WORKS GROUP | ALFRED FARRUGIA |
| 25 SENA SEGRETARJU | E. BUGEJA |
| FRANCES | CARMEL SACCO |
| CHEZRENCO | E. BUGEJA |
| WARDA MISTERJUŻA | E. BUGEJA |
| BRITANNIA | E. BUGEJA |
| ĠAWHA TAL-KARMELITANI | E. BUGEJA |
| EMANUELS' ANNIVERSARY | ALFRED FARRUGIA |
| FERHANIN | E. BUGEJA |
| MAGHQUDIN — INNU MARĊ | E. BUGEJA |

PROGRAMM MUŻIKALI

| | |
|---|---|
| DIANA — MARCIA SINFONICA | J. ABELA SCOLARO |
| I LOMBARDI — TERZETTO | G. VERDI |
| ĠUBLEW TAL-FIDDA—PRELUDIO | E. BUGEJA |
| MUSICAL SELECTION — ARR. | G. DEBONO |

E. Bugeja A. Mus. L.C.M.
Direttur


## MALLIA PETROL STATION

PJAZZA SAN NIKOLA, SIĠĠIEWI

DIAL: 605504

Għal kull bżonn fil-karozza tiegħek, asal wasla s'għand **Mallia Petrol Station** fil-Pjazza tas-Siġġiewi fejn issib kull ħaġa li tinħtieġ għall-karozza tiegħek, u issa jixtiequ jħabbru li għandhom batteriji ta' barra għall-karozzi kollha li jibdew bi prezzijiet ta' Lm18.50.

Kif ukoll:

- Crash Helmets kbar u żgħar
- Kull kwalita' ta' żjut
- Tyres ġodda ta' kwalunkwe daqs
- Għodod
- Tiswija ta' Tyres fil-pront b'apparat modern
- Aċċessorji u spare parts ta' kull kwalita' tajba.
- Għandek issib ukoll muturi u karozzi għal bejgħ.

# Tassew jaqbillek li jkollok cheque book tal-Mid-Med

Mary u John qablilhom meta fetħu kont kurrenti mal-Mid-Med. Qablilhom għax

illum igawdu l-konvenjenza li jħallsu biċ-cheque u m'hemmx għalfejn joħorġu ħafna flus fuqhom.

irranġaw li l-paga titpoġġielhom mal-ewwel il-bank.

ma jridux joqgħodu jmorru huma jħallsu pagamenti li qed jagħmlu bin-nifs jew pagamenti oħra regolari. Sempliċiment avżaw lill-Bank biex joħdilhom ħsieb dawn il-pagamenti regolarment mill-kont kurrenti tagħhom.



**Ibda uża cheque book tal-Mid-Med – jaqbel lilek ukoll!**

Iftaħ kont kurrenti f'waħda mill-fergħat tal-Mid-Med imferrxin ma' Malta u Għawdex.

**Mid-Med Bank Limited**

Sigurtà u Efficjenza

# Festa ta' Santa Marija - 1984

## Rendikont tal-Festa fil-Knisja

**Dħul:**

| | Lm c m |
|---|---|
| Bilanċ tas-sena l-oħra ... ... ... ... ... ... ... ... | 4.72,7 |
| Ġbir bl-envelopes bieb bieb ... ... ... ... ... ... | 487.00,0 |
| Offerti fl-envelopes fl-Uffiċċju ... ... ... ... ... ... | 127.00,0 |
| Riklami w offerti oħra ... ... ... ... ... ... ... ... | 62.66,0 |
| Ġabra speċjali fil-Knisja ... ... ... ... ... ... ... | 102.95,0 |
| Dħul Totali ... ... ... ... ... ... | 784.33,7 |

**Hruġ:**

| | Lm c m |
|---|---|
| Orkestra ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 332.50,0 |
| Personel barrani ... ... ... ... ... ... ... ... | 79.00,0 |
| Stampar ta' programmi ... ... ... ... ... ... ... | 53.00,0 |
| Fjuri ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 11.40,0 |
| Organista ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 34.00,0 |
| Daqq ta' qniepen/anterni/Standard/Salib ... ... ... | 39.00,0 |
| Dawl: Faċċata tal-Knisja/Kampnar/Koppla ... ... ... | 234.00,0 |
| Konsum ta' l-elettriku ... ... ... ... ... ... ... | 80.00,0 |
| Trasport barrani ... ... ... ... ... ... ... ... | 4.00,0 |
| Hruġ Totali ... ... ... ... | 866.90,0 |

| | |
|---|---|
| Dħul ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 784.33,7 |
| Hruġ ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 866.90,0 |
| Żbilanċ ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 82.56,3 |


**BARBARA PRESS**

**BARCELLONA LANE, ZURRIEQ**

**TEL: 829629**

**L-istamperija li toffrilek l-aqwa inviti moderni taż-żwieġ u l-għerusija, santi tal-Griżma u tal-Preċett u kull xogħol ta' kulur. Prezzijiet irħas u xogħol tajjeb f'qasir żmien. Aħna nġibulek l-albums ta' l-inviti d-dar u nwaslulek l-ordni lesta, jekk iċċempel dan in-numru: 829629**

## D. FARRUGIA

## Crane Hire

## for all kinds

## of work

"Chamonix"

Plot 36, Mqabba by Pass,

Mqabba.

## DRAGON FORGE

**Joseph Aquilina**

Designer & Decorator — Iron Works

98, Crafts Village, Ta' Qali. Tel: 40160

**Manufacturers of:**

- All types of Iron Works
- Sheet Metal Works
- Wrought Iron Furniture
- Catering Equipment
- Art Metal in Brass, Copper and Metal
- All kinds of Hand Made Souvenirs
- Airconditioning Works
- Stainless Steel




**Best Craftsmanship — Quick Service**



## ATTARD BROS. Co. Ltd.

Building Contractors

Blue Mix Concrete Suppliers

"MIKESAND", INDUSTRIAL ZONE, TA' QALI, MALTA.

TEL. 46980

# Programm Dettaljat ta' Loghob tan-Nar ta' l-Art u ta' l-Ajru





**IL-HAMIS, 9 TA' AWISSU — HRUĠ TA' L-ISTATWA**

7.30 p.m. Hruq ta' salut, musketterija, kaxxa nfernali u murtaletti.
10.00 p.m. Hruq ta' logħob tan-nar ta' l-art.

**IS-SIBT, 11 TA' AWISSU — L-EWWEL TRIDU**

10.00 p.m. Hruq ta' murtaletti u murtali tal-beraq pront.

**IL-HADD, 12 TA' AWISSU — IT-TIENI TRIDU**

10.00 p.m. Hruq ta' murtaletti u murtali tal-beraq pront.

**IT-TNEJN, 13 TA' AWISSU — L-AHHAR TRIDU**

10.00 Hruq ta' murtali tal-beraq pront u murtali tal-kulur.
10.30 p.m. Hruq ta' logħob tan-nar ta' l-art quddiem il-Każin.

**IT-TLIETA, 14 TA' AWISSU — LEJLIET IL-FESTA**

9.00 a.m. Daqq tat-Te Deum. Hruq ta' kaxxa nfernali u murtaletti.
6.30 p.m. Translazzjoni. Hruq ta' musketterija, kaxxa nfernali u murtaletti.
9.30 p.m. Hruq ta' salut, murtali tal-beraq pront u murtali tal-kulur.
11.00 p.m. Wirja kbira ta' logħob tan-nar ta' l-art mekkanizzat u artistiku.

**L-ERBGHA, 15 TA' AWISSU — JUM IL-FESTA**

12.00 a.m. Hruq ta' kaxxa nfernali u murtaletti.
7.30 p.m. Mal-ħruġ ta' l-istatwa jiġu sparati salut u kaxxa nfernali. Matul il-purċissjoni jkun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxi nfernali, murtaletti, murtali bil-logħob, murtali tal-beraq pront u tal-kulur.

In-nar kollu, sew ta' l-art kif ukoll ta' l-ajru huwa xogħol tad-Dilettanti tas-Soċjeta' Santa Marija. Il-Kumitat u s-Soċi kollha jirringrazziawhom tas-sagrifiċċju li għamlu matul is-sena.

## SETT TA' MARĊI

## LI SER JINQADDU MILL-BANDA KING GEORGE V

## FIL-FESTA TA' SANTA MARIJA

## ĠEWWA L-IMQABBA

| | |
|---|---|
| ĠEJJIN IS-SINJURI | ANDREW COLEIRO |
| CHRISTIAN | LEONARD FARRUGIA |
| COME ON BALDAS | MAJ. A. AQUILINA |
| STA. MARIA '82 | PAUL BUTTIGIEG |
| TA' ĠERREW | MAJ. A. AQUILINA |
| FELIX | ANDREW COLEIRO |
| ROŻARIO | GEORGE MARTIN |
| AGRIGENTO | ANDREW COLEIRO |
| COME ON THE STRIPES | MAJ. A. AQUILINA |
| L-GĦID TA' L-ASSUNTA | GEORGE MARTIN |
| PHILIP | LEONARD FARRUGIA |
| TA' GORI | A. MIZZI |
| LA BELLA PADRONA | ANDREW COLEIRO |
| INNU MARĊ LIL MARIA ASS. | LEONARD FARRUGIA |

## PROGRAMM MUŻIKALI

| | |
|---|---|
| MOMENT ROMANTIQUE — FANTASIA — | G. MARTIN |
| IN A PERSIAN MARKET — INTERMEZZO — | A.W. KETELBY |

**Mro. G. Martin A. Mus. L.C.M.**
**Direttur**

## MARĊI FUQ CABLE RADIO I

Dawn il-Marċi u l-Innu lil Marija Assunta għandhom jinstemgħu fuq Cable Radio I nhar il-Festa, fl-10.15 ta' filgħodu. Iddoqq il-Banda King George V taħt id-direzzjoni tas-Surmastt Kav. G. Martin L.Mus., L.C.M.


**COMBINED TRADES CENTRE - C.T.G.**

**TRIQ IS-SALJATURA — MQABBA**

**(Wara Diamond Jubilee Square)**

Machinery Tools, Bolts and Nuts

For all your requirements:

Spraying Equipment, Electric Motors, Welding Sets, Battery Chargers, Water & Conduit Dies & Stock, Domestic Water Pumps & Power tools, Metric & English Taps and Dies. Personal Safes and Security Locks.

# Oxford
## Photo Studio



GHALL XOGHOL PROFESSJONALI TA' FOTOGRAFIJA
BHAL TIĠIJIET, ENGAGEMENTS U OKKAŻJONIJIET OHRA
IRRIKORRU GHAND:

OXFORD PHOTO STUDIO

MA KULL ORDNI LI TIBBUKKJAW TINGHATAW
4 RITRATTI 10 x 8 KBAR B'XEJN
NAĊĊETTAW FILM BIL-VIDEO
GHAL KULL OKKAŻJONI

OXFORD PHOTO STUDIO

għall-aħjar servizz li jista' jkollkom

7, Pjazza Paola — Raħal Ġdid — Tel. 28069

# Innu Marc lil Marija Assunta

F'dan il-jum għażiż għalina
Aħna nkantaw u niċċelebraw
Lilek Maria
Min qalbna lkoll nitolbuk
Li fis-sema niġu ngawduk
Ommna Maria, Ommna Maria
Li min din l-art int irxuxtajt
U li fis-sema tlajt
Ma l-Anġli triumfajt
Fil-ġenna tlajt.

Sabiħa Maria
Omm ħanina aħna nħobbuk
Lilek f'dil ġurnata,
Min qiegħ qalbna aħna nitolbuk
Is-sliem int għatina
Xerred grazzi fuqna l-midinbin
Int kull tama
Li aħna għandna fiduċja fik.

Omm sabiħa, Omm ħanina
Aħna lilek inqimuk
Harstek fittex ixħet fuqna
Aħna lilek inħobbuk
O Maria, O Maria
Min qalbna aħna lkoll infaħruk
O Maria, O Maria
Min qalbna aħna nqimuk.

Leonard Farrugia